MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Numru. 530/2007

Il- Pulizija
(Spettur Louise Calleja)
(Spettur Anzjan Walter Spiteri)

-vs-

Paul Vassallo

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Paul Vassallo, ta’ 24 sena, iben Paul u Maria Dolores nee’ Callus, imwieled il- Pieta’, fl- 4 ta’ Marzu 1983, residenti gewwa ‘Pauldor’, Triq San Pietru, Kirkop, detentur tal- karta tal- identita’ numru 180483M.

Talli fil- lejl ta’ bejn is- 16 u s- 17 ta’ Gunju, 2007 gewwa Hal Kirkop:

1) Bi vjolenza ikkometta attentat vjolent ghal-pudur fuq il- persuna ta’ omissis bi ksur tal- artiklu 207 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
2) Bla ordni skond il- ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- imsemmija omissis kontra l- volonta’ taghha, matul liema sekwestru il- persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il- persuna u kif ukoll it- tali sekwestru sar bhala mezz biex l- imsemmija omissis tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l- misthija tas- sess taghha bi ksur tal- artiklu 86 u 87 (1) (c) (g) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
3) Ikkaguna offizi fuq il- persuna ta’ omissis, liema offizi huma ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Mark Sant MD bi ksur tal- artiklu 221 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
4) Offendejt il- pudur jew il- morali b’ eghmil li sar f’ lok pubbliku u/jew f’ lok espost ghall- pubbliku bi ksur tal- artiklu 209 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat li f’l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja, u cioe dik tat-19 ta’ Gunju 2007, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu adebieti u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li tghatu zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti prezentati nkluz l-istqarrija ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Semghat ix-xhieda tal-parte leza u ta’l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(g), 207, 209, u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu adebieti, ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena ikkunsidrat li l-parte leza kienet lesta ghal certa intimita ma’ l-imputat pero mhux necessarjament dak li xtaq l-imputat, u z-zewg partijiet kienu xorbu mhux hazin. In oltre l-parte leza ma xtaqitx li jittiehdu proceduri kontra l-imputat imma kienu fatti indipendententi mill-volonta taghha li wasslu lill-pulizija li tipprocedi, kif del resto kellha dritt taghmel ex ufficio.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-fedina penali netta tieghu, kif ukoll id-dispjacir tieghu ghall-akkadut espress direttament lill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(g), 207, 209, u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet lilu adebieti u  tikundannah ghal multa ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300) u ghal perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------